

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Settembru 2012 —  
L-Italja vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-84/09) <sup>(1)</sup>

*(“FAEGG — Taqsima ‘Garanzija’ — Spejjeż esklużi minn finanzjament — Azzjonijiet ta’ informazzjoni u ta’ promozzjoni ta’ prodotti agrikoli — Produzzjoni ta’ żejt taż-żebbuġ u taż-żebbuġ ta’ fuq il-mejda — Ħlasijiet tardivi”)*

(2012/C 343/15)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Rikorrenti: Ir-Repubblika Taljana (rappreżentanti: L. Ventrella u G. Palmieri, avukati dello Stato)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Jimeno Fernández u P. Rossi, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/960/KE, tat-8 ta' Diċembru 2008, li teskludi mill-finanzjament Komunitarju ċerti spejjeż imġarrba mill-Istati Membri taħt it-Taqsima ta' Garanzija ta' Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG) u l-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) (ĠU L 340, p. 99), inkwantu din teskludi ċerti spejjeż sostnuti mir-Repubblika Taljana.

**Dispożittiv**

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Ir-Repubblika Taljana hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 90, 18.4.2009.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Settembru 2012 —  
Serrano Aranda vs UASI — Burg Groep (LE LANCIER)**

(Kawża T-265/09) <sup>(1)</sup>

*(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark verbali LE LANCIER — Trade marks nazzjonali verbali u figurattivi preċedenti EL LANCERO — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Nuqqas ta’ probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Oppożizzjoni miċħuda”)*

(2012/C 343/16)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

**Partijiet**

Rikorrent: Enrique Serrano Aranda (Murcie, Spanja) (rappreżentanti: inizjalment J. Calderón Chavero u T. Villate Consonni, sussegwentement J. Calderón Chavero, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: inizjalment W. Verburg u S. Bonne, sussegwentement S. Bonne, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Burg Groep BV (Bergen, l-Olanda)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tas-27 ta' Marzu 2009 (Każ R 366/2008-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Enrique Serrano Aranda u Burg Groep BV.

**Dispożittiv**

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Enrique Serrano Aranda huwa kkundannat għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 205, 29.8.2009.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Settembru 2012 —  
IG Communications vs UASI — Citigroup u Citibank  
(CITIGATE)**

(Kawża T-301/09) <sup>(1)</sup>

*(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali CITIGATE — Trade marks nazzjonali u Komunitarji verbali u figurattivi preċedenti li fihom l-element ‘citi’ — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Famija ta’ trade marks — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru207/2009 — Vantaġġ indebitu miksub mill-karattru distintiv jew mir-reputazzjoni tat-trade mark preċedenti — Artikolu8(5) tar-Regolament Nru 207/2009”)*

(2012/C 343/17)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: IG Communications Ltd (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: M. Edenborough, QC, u R. Beard, solicitor)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: P. Geroulakos, aġent)

Partijiet oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Citigroup, Inc. (New York, New York, l-Istati Uniti); u Citibank, NA (New York) (rappreżentanti: inizjalment minn V. von Bomhard, A. Renck, avukati, u H. O'Neill, solicitor, sussegwentement minn V. von Bomhard u A. Renck)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tat-30 ta' April 2009 (Każ R 821/2005-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn, minn naħa, Citigroup, Inc. u Citibank, NA u, min-naħa l-oħra, IG Communications Ltd.